**10 ta' Ottubru, 1958**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Dr. A.J. Mamo, O.B.E., Q.C., B.A., LL.D. President;**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. W. Harding. K.M., B.Litt., LL.D.**

Rikors ta' Dr. George Vassallo ne.

*versus*

Maġġur Alfred Sceberras Trigona

**Sentenza ta' Qorti Estera — Eżekuzzjoni u Reġistrazzjoni f'dawn il-Gżejjer — Ġurisdizzjoni — Art. 3(a) tal-Kap. 86.**

*Il-liġi tenumera diversi każijiet li fihom sentenza mogħtija minn Qorti barra minn dawn il-Gżejjer ma t'stgħax tiġi f'dawn il-Gżejjer reġistrata u eżegwita. U fost dawn il-każijiet hemm dak meta l-konvenut, li kontra tiegħu trid tiġi reġistrata u eżegwita f'dawn l-Gżejjer is-sentenza tal-Qorti barranija, ma jkunx persuna li teżerċita l-kummerċ, u ma jkunx qatt aċċetta li joqgħod għall-ġurisdizzjoni tal-Qorti oriġinali, ċjoè tal-Qorti li ppronunċjat is-sentenza kontra tiegħu, u fil-fatt ma jkunx deher fil-kawża li saret kontra tiegħu f'dik il-Qorti.*

Il-Qorti:— Rat ir-rikors tal-imsemmi Dr. Vassallo nomine, li espona illi fit-23 ta' Awissu 1957 ġiet mogħtija sentenza fil-High Court of Justice, Queen's Bench, favur l-imsemmi David Fenech kontra l-imsemmi Alfred Sceberras Trigona, għas-somma ta' £354. 2. 10d u għal £18 għal bilanċ ta' somma mislufa lill-imsemmi Sceberras Trigona minn għand l-imsemmi Fenech skond skrittura privata, kif jidher mid-dokumenti annessi A, B, D, u E; u illi hu ġie nkarikat biex jitlob li tkun eżegwibbli f'Malta s-sentenza msemmija (dok. C); u talab li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiddikjara eżegwibbli l-imsemmija sentenza tat-23 ta' Awissu 1957 għas-somma ta' £354. 2. 10d u £18 spejjeż kontra l-imsemmi Sceberras Trigona, u li tiġi reġistrata l-imsemmija sentenza ngliża fil-Qorti li tiddeċidi din l-Onorabbli Qorti tal-Appell; u dan taħt kull provvediment li

jogħġobha tagħti din il-Qorti skond l-art. 3 inċiż (4) tal-Kapitlu 86 tal-Liġijiet ta' Malta;

*Omissis;*

Rat ir-risposta tal-intimat fol. 9, li fiha qal li, fl-umili sottomissjoni tiegħu, is-sentenza in kwistjoni ma għandhiex tiġi eżegwita hawn Malta, peress illi l-ammont kanonizzat jirrappreżenta fil-fatt imgħax użurarju fuq kapital misluf lill-esponent, u peress li l-esponent ma aċċettax li jissottometti ruħu għall-ġurisdizzjoni tal-Qorti Ingliża;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Din il-proċedura hija taħt il-Kap. 86 Ediz. Riv.;

L-art. 3(2) ta' din il-liġi jenumera diversi każijiet li fihom ir-reġistrazzjoni tas-sentenza ma tistgħax tiġi akkordata;

Mit-tenur tar-risposta jidher li l-intimat qiegħed jirriferixxi għall-każ kontemplat fl-inċiż (b) ta' dak l-artikolu, ċjoè il-każ li fih id-debitur kanonizzat ma kienx persuna li teżerċita l-kummerċ, u lanqas persuna li ordinarjament toqgħod fil-ġurisdizzjoni tal-Qorti oriġinali, u ma deherx minn rajh, jew xort'oħra ma qagħadx, jew ma aċċettax li joqgħod, għall-ġurisdizzjoni ta' dik il-Qorti; kif ukoll għall-każ viżwalizzat fl-inċiż (f), li fih is-sentenza tkun mogħtija dwar azzjoni li għal raġunijiet ta' ordni publiku, jew raġunijiet oħra bħal dawn, ma kienetx tista' tkun milqugħa mill-Qorti reġistratriċi. Qiegħed jissemma dan l-aħħar każ, għaliex l-użura (ċjoè l-imgħax eċċedenti s-sitta fil-mija) hi projbita fil-liġi maltija, u hi materja ta' "public policy", talment li kull konvenzjoni li taħbi wżura hi kolpita bis-sanzjoni tar-rexissjoni (art. 1948-1949 Kap. 23 Ediz. Riv.);

Fit-trattazzjoni orali, stante l-indoli tiegħu preġudizzjali u assorbenti, ġie pressat l-ewwel punt, u ġie anki sol-

levat il-punt tal-allegata irregolarità tan-notifika, li jidħol fl-inċiż (c) tal-artikolu fuq imsemmi;

Deher mill-provi li l-persuna li per mezz tagħha ġiet tentata n-notifika kienet il-P.L. Charles Vassallo; iżda l-intimat ma riedx jaċċetta dik in-notifika;

Issa, ġa ladarba l-intimat ma aċċettax dik in-notifika "sua sponte", allura jirriprendi l-imperu tiegħu l-prinċipju li, biex in-notifika tkun valida, jeħtieġ li ssir per mezz tal-*marixxall* ta' dawn il-Qrati, personalment jew per mezz tal-purtieri (ara Kollez. Vol. XXVI-III-676; Vol. XXVIII-III-797);

Ikkunsidrat;

Mill-provi jidher ukoll assodat li l-intimat ma kienx persuna li teżerċita l-kummerċ, jew li ordinarjament toqgħod fil-ġurisdizzjoni tal-Qorti oriġinali. Meta hu għamel żmien joqgħod barra minn Malta, kien in residenza f'*Southern Ireland*. Fl-Ingilterra kien ikun biss għal viżiti sporadiċi ta' ftit żmien;

Ċert li hu ma deherx għas-smiegħ tal-kawża. Jibqa' li wieħed jara jekk hu, b'xi mod, issottomettiex ruħu, jew aċċettax li jissottometti ruħu, għall-ġurisdizzjoni ta' dik il-Qorti. Issa, jirriżulta proprju l-kuntrarju. Fix-xhieda tiegħu l-intimat qal li hu qatt ma aċċetta l-ġurisdizzjoni tal-Qrati Ingliża. Lil P.L. Vassallo, x'ħin dan mar biex jinnotifikah l-ewwel darba fid-dar tiegħu, qallu li ma riedx jaċċetta *notifiki*, għax ma kienx jirrikonoxxi dik il-ġurisdizzjoni. Anki dak inhar tat-tentata notifika fil-Qrati l-intimat irrifjuta, tant li l-karta spiċċat fl-art. Dippjù, hu nkarika lill-Avukat Dr. Sammut biex jagħti istruzzjonijiet lis-"solicitors" ingliżi fis-sens li hu kien jirrifjuta l-ġurisdizzjoni, kif turi l-kopja tal-ittra fol. 11. Il-P.L. Vassallo fix-xhieda tiegħu jikkonferma dan l-atteġġjament tal-intimat. Qal li, meta mar jinnotifikah l-ewwel darba fil-Villa Trigona, l-intimat ma riedx jaċċetta n-notifika u ried jikkonsulta ruħu mal-avukat. Wara kien hemm l-inċident fil-Qrati, u *anki dak inhar* l-intimat irrifjuta jirċievi n-notifika. Il-konsulent legali tal-intimat kemm il-darba nforma lil

P.L. Vassallo, kif dan stess jistqarr, li l-intimat ma riedx jissottometti ruħu għall-ġurisdizzjoni tal-Qorti Ingliża. Kompla jgħid ix-xhud P.L. Vassallo li l-atteġġjament tal-intimat kien dejjem li hu ma riedx jaċċetta l-ġurisdizzjoni fuq imsemmija;

Taħt dawn iċ-ċirkustanzi, mhux talli ma kienx hemm l-akkwijexxenza mpliċita għall-ġurisdizzjoni tal-High Court of Justice Ingliża, imma kien hemm atteġġjament li kien juri ċar id-deklinatorja ta' dik il-ġurisdizzjoni;

Għalhekk, is-sentenza tal-High Court of Justice (kopja fol. 7) ma tistgħax tiġi reġistrata;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddeċidi billi tiċħad it talba kontenuta fir-rikors;

L-ispejjeż ibatihom ir-rikorrent nomine.